# Il-Festa ta' Santa Marija fil-Gudja
## *Kif Niftakarha fi Tfuliti*

**Is-Sur Karmenu Pace**

Se nibda mill-Kwindiċina. Fi tfuliti ma kienx jista' jsir quddies filgħaxija. Għalhekk, billi l-Kwindiċina kienet tikkonsisti f'quddiesa kantata, għasar, kurunella, litanija, Salve u Barka Sagramentali, il-quddiesa kantata kienet issir filgħodu u, il-kumplament kien isir filgħaxija.

Qabel ma sar il-paviment ta' l-irħam, id-dfin tal-parruċċani kien għadu jsir fil-knisja. Allura, ġimgħa qabel il-festa kienet issir ħasla ġenerali ta' l-art tal-knisja. Meta kienet tkun maħsula l-knisja, għadni niftakar lil kulħadd jitlob bil-ħerqa li, sal-festa, ma jmut ħadd, biex il-knisja tibqa' nadifa. Imbagħad, fl-aħħar ġurnata tat-Tridu filgħaxija, jew lejlet il-festa filgħodu, kienu jiksu l-art tal-knisja, kważi totalment bil-weraq tal-ħarrub u ta' l-ispik, li kien iħalli ċertu riħa ta' fwieħa.

Avveniment ieħor li, fi tfuliti, kien jimpressjonani ħafna kienet l-idea li, fi tlett ijiem tat-Tridu, wara l-għasar u l-kurunella, appena ċ-ċelebrant jintona s-Salve, d-dwal kollha tal-knisja, kienu jinxtegħlu f'daqqa. Dik il-qabża mid-dlam għad-dawl kienet tħalli ċertu impressjoni fuq kulħadd.

L-orkestra fil-knisja, niftakar li kienet tkun fil-gallerija tal-korsija, ta' fuq il-bieb il-kbir. Għadni niftakar li l-kuntrabaxx, billi ma kienx jgħaddi mill-garigor tal-kampnar, kienu jtellgħuh b'ħabel, minn ġol-knisja.

Niftakar li, il-ħruġ ta' l-istatwa min-niċċa kien isir il-Ħadd filgħodu fil-11.00am il-Gudja kollha, jew almenuu bosta minnhom, li kienu joqogħdu barra l-Gudja kont tarahom kollha hemm għal din l-okkażjoni.

L-artal maġġur ma kinux jarmawh mill-ġranet tat-Tridu mal-ewwel, iżda bl-armar sekond. Għalħekk, lejlet il-festa filgħodu kien ikollhom jieħdu battikata biex, iżarmaw l-armar sekonda u, jarmaw l-armar il-ġdid. Kienet tkun battikata żejda. Anke d-drapp, il-fided u l-istandardi tal-fratellanzi, kienu jarmawhom lejlet il-festa filgħodu.

Għadni niftakar li, il-festa ta' Santa Marija kienet tingħalaq bl-Ottava. Din kienet tiġi ċċelebrata tmint ijiem eżatt fuq Santa Marija. Dakinhar kienu jabbinaw magħha wkoll il-festa ta' San Sinforjanu. Filgħodu kienet issir quddiesa kantata. Filgħaxija kien isir l-għasar, paneġierku u purċissjoni bit-tliet fratellanzi, u ddur l-istess toroq, kif daret Santa Marija. Wara l-Barka, iż-żewġ każini kienu jaħarqu kulma jkun fadlilhom minn Santa Marija.

Il-ġbir għall-festa, kemm ta' barra u kemm ta' ġewwa kien dejjem isir mill-kappillan.

Is-sistema tal-ġbir kienet issir billi l-kappillan, flimkien ma' qassis ieħor, ġeneralment kien ikun Dun Ġammari Scicluna, kien jaqbad pitazz (skritt) u jdur il-każini u l-ħwienet tax-xorb kollha. Kien iniżżel l-ismijiet ta' l-irġiel flimkien ma' l-ammont ta'flus li kienu se joffru. Kull nhar ta' Sibt filgħodu, il-Kappillan kien ukoll jagħmel lotterija bit-*10 cents*. Kienu wkoll isiru xi fieri matul is-sena (madwar erba' jew ħamsa) fuq iz-zuntier tal-knisja. Iż-żewġ każini kienu jgħinu wkoll f'dawn il-fieri u anke ġie li kienu jieħdu parti biż-żewġ baned tagħhom.

Issa nixtieq insemmi xi tifkiriet oħra fuq in-naħa tal-festi ta' barra. Niftakar li, bejn Triq Santa Marija u l-pjazza kienu jarmaw ark tal-ħadid u kienu wkoll jixegħluh.

Fuq iz-zuntier, f'ħafna funzjonijiet tal-knisja, kienu jisparaw ħafna maskli, speċjalment fit-8.00am, f'nofsinhar u fil-Barka. Waqt l-isparar tal-maskli, kien ikun hemm dejjem il-preżenza tal-pulizija, speċjalment minħabba t-tfal, li dawn il-maskli kienu jkunu l-għors tagħhom. Iz-zuntier kien jingħalaq għall-pubbliku waqt l-isparar. Is-salut tal-maskli kien ikun l-hena tagħna t-tfal.

Il-purċissjoni niftakarha tgħaddi meta toħroġ mill-pjazza, l-ewwel tmur lejn l-Għassa tal-Pulizija, titla' minn Triq il-Lunzjata, tilwi minn Triq Santa Marija, u terġa' tidħol fil-pjazza u tidħol fil-knisja. Il-festa esterna fi tfuliti niftakarha ssir fuq tlett ijiem. L-unika darba li niftakar li saret fuq ħamest ijiem kienet fiċ-Ċentinarju ta' l-1936. Wara l-gwerra, imbagħad, bdiet issir kif nafuha llum.

Il-Banda La Stella tal-Gudja twaqqfet fl-1936. Hija għamlet l-ewwel programm tagħha fl-1936 fil-festa tal-Madonna tal-Warda, li f'dik is-sena kienet saret f'Ġunju. F'dik l-istess sena, lejlet il-festa ta' Santa Marija filgħodu l-Banda La Stella għamlet, għall-ewwel darba, il-marċ ta' filgħodu. Dan baqa' jsir sa l-1938 li dan imbagħad, ma baqax isir minħabba li bdiet riesqa it-Tieni Gwerra Dinjija. Niftakar li, x'ħin dan il-marċ ikun se jispiċċa, kienu jagħmlu ballun kbir quddiem l-istatwa ta' Santa Marija, tal-pjazza, li minnu x'ħin jisparawh, tfiġġ statwa żgħira ta' Santa Marija.

Niftakar li, qabel ma kien hawn il-luċe elettrika, biex jixegħlu t-toroq, kienu jġibu kuntrattur, li kien iġib *transformer* kbir. Dan it-transformer kienu jpoġġuh, jew fis-saqa tal-kappillan, jew fis-sqaq ta' fejn illum hemm il-Klabb tal-Futbol. Dan it-*transformer* kien jagħmel ħsejjes kbar waqt li jkun jaħdem.

Imma almenu, fil-festa, kien ikun hawn id-dawl.

Niftakar li, in-nar ta' l-art u l-ġiġġifogu kienu jinħarqu fil-pjazza u mhux fejn jinħaraq illum, għax hemmhekk lanqas biss kien għadu jeżisti.

Niftakar li, il-kbar kellhom l-obbligu li, lejlet Santa Marija, kulħadd kien isum u ma jiekolx laħam, għax kien ikun il-Vġili ta' Santa Marija.

Niftakar li, l-armar ta' barra kien jintrama minn raġel li kien jismu Angelo Dalli, li konna nsibuh bħala *x-Xmaj*. Dan kien ikun megħjun minn ħafna tfal, li bit-tajjeb u l-ħażin tagħhom, kien dejjem jinqeda. Niftakar li, fi tfuliti, kien ikun hawn *privates* mill-knisja sal-Palazz ta' Bettina, mgħobbijin bin-nies ġejjin lejn il-knisja tagħna biex jitolbu lil Santa Marija, li kienet waħda mis-Seba' Santa Marijiet.

Niftakar li fl-1948, jiġifieri 59 sena ilu, kienu induraw il-vara ta' Santa Marija. Dakinhar, il-Banda La Stella kienet wasslet lill-vara ta' Santa Marija, bid-daqq tal-marċi u briju kbir, mill-Palazz ta' Bettina sal-knisja.

Dawn huma xi ftit mill-memorji li bqajt niftakar li kienu jagħmlu ta' qabilna, fil-festa ta' Santa Marija.



# Innu lill-Madonna Mtellgħa s-Sema

Imżejna bil-bjuda,
Bil-fwieħa tal-ward,
Bil-grazzja mimlija,
Ġejt fostna f'din l-art.
Ave, ave,
ave, Maria.

Madwarek, Marija,
It-tama xerridt
Tal-fidwa, tal-maħfra,
Meta Inti twelidt.
Ave, ave,
ave, Maria.

Min ħalqek kien għażlek
Mill-bidu tas-snin;
U Xbejba, sirt Ommu
U Ommna l-bnedmin.
Ave, ave,
ave, Maria.

Misteru ta' kobor,
Ta' għerf il-ħallieq
Kif Inti ġibt fostna
Lil Ibnek mixtieq
Ave, ave,
ave, Maria.

Bħal Ibnek, Marija,
Kont ifqar mill-fqar.
Tul ħajtek ridt tbati
U tixrob l-imrar.
Ave, ave,
ave, Maria.

Dik qalbek ħanina
Kif żammet bl-uġigħ
X'ħin rajtu fid-dmija
U msallab bla ġieħ!
Ave, ave,
ave, Maria.

Int smajtu lil Ibnek,
Ftit qabel ma miet,
Jgħajjatlek biex lilna
Teħodna b'ulied.
Ave, ave,
ave, Maria.

Bħalm'Inti ġejt f'artna
Ħriġt minnha b'kull ġmiel,
B'dik ruħek, b'dak ġismek
Ta' Kristu nissiel.
Ave, ave,
ave, Maria.

Fis-sema, fejn l-anġli
Fil-glorja wassluk,
Sultana rebbieħa
U Ommna nqimuk!
Ave, ave,
ave, Maria.

Omm ħelwa Marija
Din qalbna nagħtuk.
Li konna, bla nieqfu,
Fil-ġenna nħobbuk!
Ave, ave,
ave, Maria.

Gudja **Dun Frans Camilleri**
15/08/1953